Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali
Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.
Mag Juris (Eur Law)

Il-Pulizija
(Spettur Raymond Cremona)
vs
Carmel Bezzina

Illum 30 ta’ Lulju, 2002

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra ‘l fuq imsemmi imputat Carmel Bezzina, imwieled fl-20 ta’ Dicembru, 1966 u detentur tal-karta tal-identita Nru. 522266(M) li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli f’dawn il-gzejjer bejn l-1 ta’ Frar 1999 u t-30 ta’ Gunju 1999 b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u dan bi ksur ta’ l-artikolu (18) tal-Kapitlu (9) tal-Ligijiet ta’ Malta :

B’mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz jew billi inqeda b’qerq iehor ingann

jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika ghamel qliegh b'qerq ta' aktar minn LM1,042 bi hsara ta' MLR Limited u dan bi ksur ta' l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti, d-dokumenti li gew esebiti u l-atti kollha ta' dan il-procediment;

Semghet lill-imputat debitament assistit volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dana waqt is-seduta tal-10 ta' Lulju, 2002.

Taqta u tiddeciedi li fuq ammissjoni volontarja tal-istess imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu issib lill-imputat hati ta' dawn l-imputazzjonijiet kollha u dana wara li l-Qorti rat l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-finijiet ta' piena l-fatt illi l-imputat fuq imsemmi ikkopera mal-pulizija matul l-investigazzjoni. Huwa irregistra ammissjoni f'dawn il-proceduri u ghandu fedina penali netta u l-Qorti rat ukoll il-verbal taghha tal-14 ta' Mejju, 2002 fejn jirrizulta li Dr Victor Scerri, l-avukat tal-parte civile, informa lill-Qorti li l-imputat kien hallas l-ammont kollu dovut minnu lil Nazzareno Baldacchino. Ghalhekk ghal dawn ir-ragunijiet kollha fuq imsemmija l-Qorti ma tqisx illi piena karcerarja tkun idoneja ghall-akkadut u tara li jkun ferm aktar ta' beneficcju ghall-imputat, kif ukoll ghas-socjeta' in generali illi l-imputat jinghata opportunita ohra sabiex jaqbad it-triq it-tajba.

Ghalhekk wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152 filwaqt illi tillibera lill-imputat tobbligah li ma jaghmel l-ebda reat iehor ghal perjodu ta' tmintax il-xahar mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car illi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni taht kundizzjoni huwa jkun jista jigi ikkundannat ghar-reat originali.

(ft) Rita Saliba
Deputat Registratur